# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tat-Tnejn, 19 ta' Frar, 2001**

**Numru: 3**

**Citazzjoni Numru: 1759/93 JF**

**Mario Pace, Peter Caruana, Paul Debono, Christopher Camilleri, David Caruana, Tony Grech, Sandro Micallef, Kevin Magro, John Mifsud, Glorianne D'Anastasi, Joseph Borg, Raymond Borg, Charles Salerno, Vincent Salerno, Joseph Grima, Raymond Grima, Brian Busuttil u Lawrence Bugeja**

**vs**

**Stephen Demanuele ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Di Stefano Limited u b'digriet tas-16 ta' Mejju 1994 gew nominati Dr. Joseph Bonnici u P.L. Lucy Bonello bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lis-socjeta' Di Stefano Limited, stante illi d-diretturi jinsabu msefrin.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotorju tar-rikorrenti fejn mexxew proceduralment ghal dikjarazzjoni ta' falliment kontra s-socjeta' konvenuta ai termini tal-artiklu 482 tal-Kodici tal-Kummerc. Rat id-digriet fejn gie nominat perit legali fil-persuna ta' l-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino LL.D. biex jezamina x-xhieda u jirrelata dwar it-talba;

Rat l-atti kollha tal-kawza u senjatament il-verbal tal-ahhar seduta, dik tal-lum, fejn il-partijiet kif assistiti talbu li din il-Qorti timxi, billi teddotta, dak li hemm ripurtat fin-nota tar-relatur a fol. 432, 432 (a) u 433 tal-process.

Din il-Qorti ghalhekk taghmel pjena riferenza ghan-nota surreferita li ghandha tigi hawn inkorporata bhala formanti parti integrali mill-korp ta' dan il-provvediment u tiddeciedi ghalhekk dwar it-talbiet konformement ma' dak li hemm imnizzel fl-istess nota, b'dan li l-ispejjez kollha gudizzjarji, salv dak li hemm gja' imnizzel fin-nota, jitnaqqas mill-fondi li hemm migburin u ghalhekk tiddikjara din il-procedura ta' falliment bhala konkjuza finalment.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

*Nota ta' Dottor Louis Cassar Pullicino fil-kwalita tieghu ta' kuratur fallimentari tas-socjeta' Di Stefano Limited.*

*Jesponi bir-rispett:-*

*Illi din in-nota qeghda ssir mill-esponent ai termini tal-verbal tas-seduta tat-18 ta' Jannar 1999 fejn huwa gie mitlub minn din l-Onorabbli Qorti li jiehu kont tal-atti fejn wasslu sa' issa.*

*Illi in effett din l-Onorabbli Qorti, b'digriet moghti fis-27 ta' Frar 1998 ammettiet f'dawn il-proceduri fallimentari diversi kredituri kif elenkati fl-istess digriet; sussegwentement wara li l-istess digriet gie pubblikat ai termini tal-artiklu 515(1) tal-Kodici tal-Kummerc u innotifikat l-istess digriet lill-kredituri inidividwali, il-Qorti ghaddiet ghall-istadju tal-gradwazzjoni.*

*Illi a tenur tal-artiklu 532 tal-Kodici tal-Kummerc ir-Registratur tal-Qorti hareg avviz lill-kredituri kollha indikati fid-digriet precitat fejn talabhom jipprezentaw rikors fi zmien hmistax-il gurnata sabiex jikkonkorru fl-istadju tal-gradwazzjoni;*

*Illi l-kredituri li pprezentaw dan ir-rikors huma s-segwenti:-*

1. *Mario Pace, Peter Caruana, Paul Debono, Nicholas Casha, Christopher Camilleri, David Caruana, Anthony Grech, Sandro Micallef, Kevin Magro, Joe Mifsud, Glorianne D'Anastasi, Joseph Borg, Charles Salerno, Vincent Salerno, Joseph Grima, Raymond Grima, Brian Busuttil, Lawrence Bugeja u John*

*Chircop u dan b'rikors prezentat fis-26 ta' Mejju 1998 a fol. 412 tal-process.*

2. *John Attard ipprezenta rikors fis-26 ta' Mejju 1998 a fol. 414 tal-process;*

3. *Il-kummissarju tat-Taxxi Nterni pprezenta rikors fit-28 ta' Mejju 1998 a fol. 415;*

4. *A & C Callejja Brothers Limited ipprezentaw rikors fl-4 ta' Gunju a fol. 417;*

5. *Lombard Bank (Malta) plc ipprezentaw rikors fl-4 ta' Gunju a fol. 418;*

6. *F. X. Borg Furniture Limited ipprezentaw rikors fit-8 ta' Gunju 1998 a fol. 419;*

7. *Foremost (Supplies) Limited ipprezentaw rikors fit-12 ta' Gunju 1998 a fol. 192 tal-process;*

*Illi wara li l-esponent ezamina l-atti tal-process, jidher evidenti illi mill-kredituri konkorrenti, il-kredituri privileggjati huma s-segwenti;*

a) *Il-kreditu ta' Mario Pace et jirraprezentaw arretrati ta' paga, sahra, bonus u beneficcji ohrajn. Dawn il-krediti huma privileggjati skond l-artiklu 27 tal-Kap 135 tal-Ligijiet t'a Malta sal-ammont massimu ta' mitejn lira (Lm200).*

b) *Il-kreditu ta' John Attard jirraprezenta drittijiet tieghu bhala konsennatarju tal-makkinarju u ghodda li kienu jappartjenu lis-socjeta' falluta. Dan il-kreditu huwa privileggjat ai temini tal-artiklu 2004 tal-Kodici Civili;*

*Il-kreditu tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni jirraprezenta taxxa fuq id-dhul. Minn ezami akkurat tad-dispozizzjonijiet ta' l-Att Dwar it-Taxxa Fuq l-Income (Kap 123 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Att XVIII tal-1994) [Art 23 (8)] il-privilegg tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni huwa limitat ghal dak it-tnaqqis li huwa obbligat jaghmel min ihaddem meta jhallas l-impjegati tieghu, u tali tnaqqis u hlas ma jsirx minn min ikun obbligat inaqqas dawn l-ammonti. Fic-cirkostanzi u peress illi t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni tirrigwarda hlas tat-taxxa fuq il-qliegh dovuta mis-socjeta' falluta, it-talba tal-istess Kummissarju tat-Taxxi Nterni ma tgawdi ebda privilegg.*

*Illi l-kredituri l-ohra A & C Calleja Brothers Limited, Lombard Bank (Malta) plc, F.X. Borg Furniture Limited u Foremost (Supplies) Limited ma ghandhom ebda pretenzjoni illi l-kreditu taghhom huwa privileggjat u lanqas jirrizulta mill-atti illi fil-fatt tali krediti huma privileggjati skond il-Ligi. Ghaldaqstant dawn il-kredituri flimkien mal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni huma kredituri ordinarji u jikkonkorru "pari passi" wara l-kredituri privileggjati.*

*Illi wara l-esponent ikkunsidra l-premess kif ukoll l-artiklu 2003, 2004 u 2089 tal-Kodici Civili, l-artiklu 27 tal-Kap 135 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artiklu 23(8) tal-Income Tax Management Act (Att XVIII tal-1994) il-kredituri privileggjati ghandhom jigju gradwati f'ordni segwenti:*

***<u>KREDITURI PRIVILEGGJATI</u>***

1. *Spejjez gudizzjarji dovuti lir-Registratur tal-Qorti, il-kuratur fallimentari u John Attard bhala kunnsennatarju.*

2. *Pagi dovuti lill-impjegati Mario Pace et sa massimu ta' mitejn lira (Lm200) kull wiehed;*

***<u>KREDITURI ORDINARJI</u>***

*Il-kummissarju tat-Taxxi Nterni.*

*A & C Calleja Brothers Limited.*

*Lombard Bank (Malta) Limited.*

*F. X. Borg Limited*

*Illi l-esponent jixtieq jirrileva ukoll illi peress illi f'kaz ta' socjeta' kummercjali, ir-riabilitazzjoni kontemplata fil-ligi tal-falliment m'hijiex sostenibbli, is-socjeta' falluta Di Stefano Limited ser ikollha tigi kancellata mir-registru tas-socjetajiet u f'dan il-kaz ser ikollhom jigu inkorsi spejjez.*

*Illi fl-ahharnett l-esponent qieghed jesibixxi rendikont li juri li l-fondi li attwalment jistghu jigu distribwiti lill-kredituri huma ta' Lm5,482.90.*

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI

Deputat Registratur

md